MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 551/2003

**Andre Escave Company Limited**

**Vs**

**Robert Ciantar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut ihallas is-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet maghmula mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Andrew Briffa, Antonella Briffa, Roberta Ciantar, Mario Briffa u John Taylor.

Ra d-dokumenti esebiti u sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Roberto Montalto ghas-socjeta’ attrici u Dr Charmaine Cherrett ghall-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi f’Settembru tas-sena 2000 is-socjeta’ attrici kienet ghamlet xoghol ta’ demolizzjoni ta’ post f’Birzebbugia. Ix-xoghol dam sejjer jumejn u l-konvenut talab li jsir bl-urgenza tant li l-atturi hadmu tard hafna fil-ghaxija. M’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li dan ix-xoghol sar ghas-sodisfazzjon tal-konvenut u li l-valur ta’ dan ix-xoghol kien pattwit hlas ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200).

Fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti sollevaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Ix-xoghol sar f’Settembru tas-sena 2000. Fl-atti hemm esebita Ittra Ufficjali li ggib id-data tal-20 ta’ Gunju, 2002 li giet debitament notifikata fl-24 ta’ Lulju, 2002 mentri c-citazzjoni gietipprezentata fit-12 ta’ Marzu, 2003.

Dan l-Artikolu li jippreskrivi preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar japplika ghal:

“L-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arloggara, u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu.”

It-Tribunal jidhirlu illi din il-preskrizzjoni citata ma tapplikax ghall-kaz odjern stante li hawn si tratta ta’ persuna li giet inkarigata biex taghmel xoghol ta’ twaqqigh. It-Tribunal ma jidhirlux li xoghol ta’ twaqqigh jaqa’ taht definizzjoni tas-snajja ndikati fl-Artikolu 2148(a) u aktar hu propens li jahseb li taqa’ taht l-ambitu ta’ l-Artikolu 2149(a) li hija l-preskrizzjoni ta’ sentejn izda jigi rilevat ukoll illi t-Tribunal ma jistax jissolleva eccezzjoni ta’ preskrizzjoni *ex officio*. Jigi relevant biss li bejn meta sar ix-xoghol sakemm giet

notifikata l-imsemmija Ittra Ufficjali ma kienx iddekorra z-zmien ta’ sentejn.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut.

Fil-mertu l-konvenut qieghed isostni zewg argumenti. Fl-ewwel lok qieghed jghid ossija qieghed jitlob spjegazzjoni ghaliex fl-Ittra Bonarja tal-31 ta’ Jannar, 2002 l-atturi talbu hlas ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) mentri fil-kawza qieghed jitlob elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). It-Tribunal jidhirlu illi fuq dan l-aspett hemm spjegazzjoni facli moghtija minn Andrew Briffa fix-xhieda tieghu. M’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-prezz pattwit bejniethom kien ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) u inoltre l-istess Andrew Briffa spjega illi meta ntbaghtet l-Ittra Interpellatorja ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) din intbaghtet ghal dak l-ammont billi sa dakinhar kien deherlu li kien tela’ l-ammont bl-interessi.

Fil-fatt wara li rcieva lment dwar dan minghand il-konvenut, kien infurmah illi kien dispost illi jirriduci t-talba tieghu ghas-somma originarjament miftiehma ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) – fil-fatt il-hlas ma sarx u meta giet intavolata l-kawza l-attur xorta wahda talab is-somma ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200).

L-argument l-iehor u fil-fatt il-kontestazzjoni principali f’din il-kawza hija ghaliex il-konvenut qieghed jghid li f’dan il-kaz ghandha tapplika t-tpacija. Biex topera t-tpacija, l-kreditu li maghha qed jintalab li t-tieni kreditu jigi pacut irid ikun wiehed cert, likwidu u dovut. Fil-kawza odjerna jirrizulta illi certament hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet. Il-konvenut xehed illi qabel ix-xoghlijiet mertu ta’ din il-kawza, huwa kien kera crane lis-socjeta’ attrici u jghid li kien krih ghall-perjodu ta’ xahar/xahar u nofs bir-rata ta’ tletin lira Maltin (Lm30) li b’hekk igib is-somma ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200). Effettivament Andrew Briffa jghid illi huwa ma kienx kera crane izda kien issellfu minghand il-konvenut u kien issellfu ghall-zmien ta’ xi gimgha biss. Illi ghalhekk hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet kemm f’dak li jirrigwarda l-perjodu ta’ l-uzu, kif

ukoll dwar jekk dan kienx kera jew self (self presumibilment gratuwitu billi dak iz-zmien il-partijiet kienu hbieb).

Izda John Taylor, xehed li kien prezenti meta l-partijiet kienu ltaqghu flimkien u waslu fi ftehim fuq id-demolizzjoni li huwa mertu tal-kawza tal-lum u sema' l-partijiet jiftiehmu illi dawn ix-xoghlijiet odjerni kienu ser ipattu ghall-kreditu pretiz minn Ciantar minghand is-socjeta' attrici. Dan ix-xhud certament ma xehedx kollox billi, jekk verament sema' kollox kien isemmi li l-partijiet ftiehmu fuq kumpens ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) ghat-twaqqigh de quo. Konvenjentement ma qal xejn fuq dan.

Fattur iehor huwa li ghalkemm il-konvenut qal li kien baghat invoice ghall-kera tal-crane, dan l-invoice ma giex esebit.

Finalment il-punt l-aktar krucjali ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza, t-Tribunal ma jistax jifhem assolutament x'kien l-iskop li l-partijiet jiftiehmu fuq prezz ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) meta x-xoghol kien ser jigi pacut. Jekk ix-xoghol ser jigi pacut m'hemm ebda skop li wiehed jitkellem fuq prezzijiet sakemm naturalment ma jkunx hemm xi ekwiparazzjoni x'tithallas – jew li t-tpacija ma kienetx tkun fuq l-ammont intier.

It-Tribunal jidhirlu li verament il-konvenut ippretenda kumpens ghall-uzu li s-socjeta' attrici ghamlet tal-crane u li minkejja tali uzu huwa hassu partikolarment urtat li hallielu l-crane bil-hsara. Mhux eskluz li l-konvenut inkariga lis-socjeta' attrici "bi skop" minghajr ma zvela tali skop – u cjoe' li hu qatt ma kellu ntenzjoni jhallas. Dan jispjega wkoll ir-rabja tieghu meta rcieva l-interpellazzjonijiet minghand is-socjeta' attrici.

Izda f'pajjizi civili w edukati l-affarijiet ma jsirux hekk. Fit-trattattivi kummercjali wiehed ghandu jittratta *in buona fede* u minghajr ma jkollu xi motiv ulterjuri. Jekk il-konvenut kellu xi pretenzjonijiet kontra s-socjeta' attrici missu ddiskutihom u ftiehem espressament fuqhom u jekk

hemm bzonn jinsisti li tali ftehim jigi redatt fi skrittura privata.

B'danakollu, fuq bazi ta' ekwita' u ghal finijiet ta' ekonomija ta' gudizzju t-Tribunal jidhirlu li ghandu jiehu kont ta' dan l-ilment tal-konvenut pero' mhux fil-grad li jippretendi hu. Is-socjeta' attrici tammetti li wzat il-crane ghal gimgha. Ta' din il-gimgha ghandu jkun kemm kumpens relattiv. Rata approssimattiva ta' tletin lira Maltin (Lm30) kull gurnata tidher gusta u b'hekk, mill-ammont mitlub mill-atturi ghandu jkun hemm tnaqqis *rounded off* ta' mitejn lira Maltin (Lm200) minghajr ma jkun hemm rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici in parte u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bl-ispejjez u bl-interessi mill-24 ta' Lulju, 2002 (data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali fuq imsemmija).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------